

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.11.2008  
KUMM(2008) 760 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT  
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-  
REĠJUNI**

**Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-istat ta' programm tal-pjan ta' strateġija għall-  
ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010)**

## 1. INTRODUZZJONI

Ħamsin sena ta' politika Komunitarja favur l-ugwaljanza wasslu għall-progress tal-qagħda tan-nisa. Madankollu, l-inugwaljanzi jippersistu f'bosta oqsma u l-iżviluppi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-bidliet demografiċi, ħolqu sfidi ġodda li għandhom jingħelbu biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Huwa xogħol l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, fil-qafas ta' azzjoni miftiehma, li jmexxu 'l quddiem l-ugwaljanza. Il-pjan ta' strateġija adottat f'Marzu 2006<sup>1</sup> ippreżenta l-impenji tal-Kummissjoni favur l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għall-perjodu 2006-2010. F'Marzu 2006 ukoll, il-Kunsill Ewropew, fil-Patt Ewropew għall-ugwaljanza<sup>2</sup>, ħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-kunsiderazzjoni tal-ugwaljanza u jsostnu l-għanijiet tal-pjan ta' strateġija.

F'dan il-pjan ta' strateġija, il-Kummissjoni ħabbret l-azzjonijiet li kien biħsiebha tmexxi fis-sitt oqsma politiċi: indipendenza ekonomika l-istess għan-nisa u l-irġiel, il-konċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u professjonali, rappreżentanza indaqs fit-teħid tad-deċiżjoni, il-qerda ta' kull forma ta' vjolenza bbażata fuq is-sess, l-eliminazzjoni tal-isterjotipi sesswali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza fil-politiki esterni u ta' żvilupp. Hi timpenja ruħha wkoll sabiex tiżgura s-segwitu u l-valutazzjoni tal-pjan ta' strateġija. Tfasslu żewġ programmi ta' ħidma<sup>3</sup> mill-adozzjoni tiegħu. Dan ir-rapport ta' nofs it-terminu jiddeskrivi kif, minn Marzu 2006, l-azzjonijiet ikkontribwixxew biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan ta' strateġija. Valutazzjoni finali tal-pjan ta' strateġija hi prevista fl-2010.

## 2. TWETTIQ TAL-GĦANIJIET TAL-PJAN TA' STRATEĠIJA

### 2.1. It-twettiq tal-indipendenza ekonomika għan-nisa u l-irġiel

Il-pjan ta' strateġija tenna li l-ugwaljanza ekonomika bejn in-nisa u l-irġiel se tintlaħaq biss jekk ikun hemm sehem akbar tan-nisa fl-impjieg. Ir-rata ta' impjieg tan-nisa fl-Unjoni se tilħaq probabbilment ħafna l-għan ta' 60 % fl-2010. Madankollu, id-diskrepanza bejn in-nisa u l-irġiel tibqa' għolja (15 %). Il-komunikazzjoni "**Niġġieldu d-diskrepanza fil-paga**"<sup>4</sup> enfasizzat l-impenj tal-Kummissjoni beix tneħħi din id-diskrepanza u ppreżentat linji ta' azzjoni. Din impenjat ruħha b'mod partikolari sabiex tanalizza l-qafas leġislattiv biex tiddetermina jekk jeħtieġx li dan jiġi revist biex tissaħħaħ l-effiċjenza. Madankollu, il-leġislazzjoni mhix biżżejjed biex tneħħi dak li jibqa' fenomenu kumpless, li jispjega ruħu bl-akbar preżenza tan-nisa fis-setturi ta' attivitajiet l-inqas imħallsa jew fl-impjiegi l-aktar prekarji. Jeħtieġ ukoll li titjieb il-kwalità tal-impjieg tan-nisa, qasam ippreżentat fir-rapport 2008 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel<sup>5</sup>.

Saru bosta inizjattivi previsti fil-pjan ta' strateġija biex jikkunsidraw aħjar il-kwistjonijiet ta' ugwaljanza fiċ-ċiklu l-ġdid 2008-2010 tal-istrateġija għat-tkabbir u l-impjiegi. L-analiżi tal-miżuri nazzjonali meħuda biex tiġi implimentata l-politika tal-ugwaljanza fl-istrateġija ta'

<sup>1</sup> COM(2006) 92 finali.

<sup>2</sup> Il-Kunsill 23/24 ta' Marzu 2006.

<sup>3</sup> SEC(2007) 537 SEC(2008) 338

<sup>4</sup> COM(2007) 424 finali.

<sup>5</sup> COM(2008) 10 finali.

Liżbona wriet li ngħatat wisq ftit attenzjoni lil din il-politika. F'dan il-kuntest, il-pubblikazzjoni ta' gwida dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki għall-impjiegi<sup>6</sup> ntlaqat tajjeb ħafna mill-Istati Membri.

Sabiex jiżdied is-sehem għall-impjieg, jeħtieġ li jingħata valur akbar bis-sħiħ lill-potenzjal tal-ħidma rrappreżentata min-nisa u jtkabbar l-impenn tal-parteċipanti ekonomiċi kollha. Il-Kummissjoni analizzat id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom in-nisa biex isiru kapijiet ta' impriża u sostniet b'mod partikolari n-netwerk tan-**nisa imprendituri**. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni adottat regolament li, fil-prinċipju, jestendi l-awtorizzazzjoni tal-għajnuniet Statali b'mod partikolari għall-impriżi l-ġodda maħluqa min-nisa<sup>7</sup>. Il-prattiċi maħsuba jħeġġu ugwaljanza akbar bejn in-nisa u l-irġiel ġew sostnuti wkoll fil-qafas tar-responsabbiltà soċjali tal-impriżi.

Ix-xjuħija tal-popolazzjoni, li hi ta' piż b'mod partikolari għall-vijabbiltà tas-sistemi ta' **ħarsien soċjali**, teħtieġ modernizzazzjoni li tikkunsidra l-qagħda tan-nisa u tal-irġiel. Huwa f'dan id-dawl li l-Kummissjoni analizzat il-mod kif l-għan tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tħares fil-programmi nazzjonali tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) fil-qasam tal-ħarsien soċjali<sup>8</sup> u tal-inklużjoni soċjali u li tfasslet gwida biex issaħħa il-ħila tal-parteċipanti sabiex iħeġġu l-ugwaljanza ta' dawn il-politiki<sup>9</sup>.

Il-bżonnijiet tan-nisa u tal-irġiel fil-**qasam tas-saħħa** u tal-aċċess għall-bżonnijiet tqiesu fil-kuntest tal-MMK fis-settur tas-saħħa u tal-kuri fit-tul. Ir-rapport konġunt dwar il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali<sup>10</sup> fakkar id-differenzi bejn is-sessi f'dak li għandu x'jaqsam mat-tijib globali tas-saħħa u l-aċċess għall-kura skont il-gruppi soċjali. L-istrateġija tal-Unjoni rigward is-saħħa (2008-2013)<sup>11</sup> stiednet lill-Kummissjoni sabiex tqis id-dimensjonijiet speċifiċi tas-saħħa tan-nisa u tal-irġiel. Il-programm ta' azzjoni għas-saħħa<sup>12</sup> ħaseb li jtejjeb l-għarfien rigward il-bżonnijiet tan-nisa u tal-irġiel fil-qasam tas-saħħa pubblika u li jsostni inizjattivi biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel.

In-nisa aktar jinsabu fir-riskju li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' faqar milli l-irġiel. Huwa għalhekk li ġew identifikati bħala grupp ta' mira għas-Sena Ewropea tal-Ġlieda Kontra l-Faqar fl-2010. In-nisa jidhru fost il-gruppi l-inqas vantaġġjati u huma ta' spiss suġġetti għal bosta diskriminazzjonijiet. Id-diskussjoni dwar il-ġejjieni tal-politiki tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet<sup>13</sup> issejset fuq l-esperjenzi tas-**Sena Ewropea 2007 ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd** biex tippreżenta l-bżonn tal-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni. L-azzjonijiet favur il-komunità Roma wrew ukoll li jeħtieġ li jiġu integrati l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza fl-istrumenti kollha ta' implimentazzjoni.

L-inugwaljanzi jikkonċernaw b'mod partikolari lin-nisa li jagħmlu parti minn minoritajiet etniċi u **n-nisa immigranti**, li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni ta' migranti fl-Unjoni<sup>14</sup>. Id-definizzjoni tal-istrateġija għall-politika migratorja<sup>15</sup> qieset din is-sitwazzjoni,

<sup>6</sup> Gwida għall-ugwaljanza bejn is-sessi tal-politiki tal-impjieg, 2007.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 800/2008

<sup>8</sup> COM(2005) 706 finali.

<sup>9</sup> Manual for gender mainstreaming of social inclusion and social protection policies, 2008

<sup>10</sup> COM(2008) 42 finali.

<sup>11</sup> COM(2007) 630 finali.

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE.

<sup>13</sup> COM(2008) 420 finali.

<sup>14</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Qagħda tan-Nisa Migranti fl-Unjoni Ewropea" tal-15.12.2007.

b'mod partikolari rigward is-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-ħarsien tan-nisa vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Il-Kummissjoni kienet attenta għall-kundizzjoni tan-nisa fis-segwitu tat-traspożizzjoni tad-Direttiva<sup>16</sup> rigward il-permess għal residenza mogħti liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll xogħlijiet ta' tfassil tad-direttiva qafas<sup>17</sup> rigward id-drittijiet tal-ħaddiema migranti aċċettati fl-UE għal finijiet ta' impjieg b'kwalifiki għolja.

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tinvolvi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi kollha. Il-**Fondi Ewropej 2007-2013** tal-politika ta' koeżjoni<sup>18, 19, 20</sup> tal-iżvilupp rurali<sup>21</sup> u tas-sajd<sup>22</sup> huma lieva essenzjali għall-politika ta' ugwaljanza f'bosta oqsma. Fil-qafas tan-negozju tal-programmi, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jintegraw l-għanijiet tal-ugwaljanza biex jitħaffef l-aċċess għall-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, jippromwovu s-sehem għat-teħid ta' deċiżjoni u jsaħħu l-konċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u tal-ħajja privata.

## 2.2. Titjib tal-konċiljazzjoni tax-xogħol, tal-ħajja privata u tal-familja

Minkejja sehem aktar bilanċjat għall-impjieg, in-nisa jissoktaw ikollhom l-akbar parti tar-responsabbiltajiet tal-familja u tad-dar. It-twettiq tal-għanijiet rigward l-impjieg jgħaddi mit-tisħiħ tal-politiki rigward il-**konċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja**, sabiex jagħtu valur lill-potenzjal tax-xogħol fl-Unjoni. Il-Kummissjoni pproponiet prinċipji komuni ta' "flessigurtà"<sup>23</sup> sabiex jippromwovu s-swieq tax-xogħol aktar mitfuħa, aktar flessibbli u aċċessibbli għal kulħadd, li għandhom aċċess ugwali għall-impjieg ta' kwalità għan-nisa u għall-irġiel u li joffru l-possibbiltajiet li tikkonċilja l-ħajja professjonali u l-ħajja tal-familja.

Id-diskussjoni dwar l-isfidi demografiċi l-ġodda kienet fuq il-bżonn ta' ugwaljanza akbar bejn in-nisa u l-irġiel u l-modernizzazzjoni tal-politiki tal-familja sabiex titħeġġeġ aħjar is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet<sup>24</sup>. Il-Kummissjoni ħeġġet ukoll il-proċess ta' skambju implimentat mill-Alleanza Ewropea għall-familji<sup>25</sup>.

Fl-aħħar, il-Kummissjoni ressqet qafas politiku ġdid sabiex "**tirdoppja l-isforzi biex tikkonċilja aħjar il-ħajja professjonali, il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja**"<sup>26</sup> u tilħaq l-għanijiet tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjieg.

Ġew adottati proposti leġiżlattivi<sup>27</sup> biex, minn naħa, jissaħħu d-dritt tal-ħaddiema nisa għal-lif tal-maternità<sup>28</sup> u, min-naħa l-oħra biex jiżguraw it-trattament ugwali tal-ħaddiema

---

<sup>15</sup> COM(2008) 359 finali.

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2004/81/KE

<sup>17</sup> COM(2007) 637 finali.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 dwar il-Fondi Strutturali (il-Fond tal-Iżvilupp Reġjonali Ewropew u l-Fond Soċjali Ewropew) u l-Fondi ta' koeżjoni.

<sup>19</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew.

<sup>20</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond tal-Iżvilupp Reġjonali Ewropew

<sup>21</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005

<sup>22</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006

<sup>23</sup> COM(2007) 359 finali.

<sup>24</sup> COM(2007) 244 finali.

<sup>25</sup> Il-Kunsill 8/9 ta' Marzu 2007.

<sup>26</sup> COM(2008) 635 finali.

<sup>27</sup> COM(2008) 636 u 637.

<sup>28</sup> Id-Direttiva 92/85/KE

indipendenti u tal-konjuġi li jgħinu fix-xogħol<sup>29</sup>. Il-Kummissjoni osservat il-progress imwettaq mill-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqşam mal-għan li titjeb id-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal (għal 90 % tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età ta' skola u għal 33 % tat-tfal ta' inqas minn tliet snin)<sup>30</sup>. Fir-rapport tagħha<sup>31</sup>, osservat li huma biss parti żgħira mill-Istati Membri li jilhqgħu dan l-għan. Issa hqu miżuri għall-iżvilupp ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal u ddaħħlu b'mod partikolari fil-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali ġew ikkonsultati fuq il-bżonn tat-titjib tal-leġiżlazzjoni fuq bosta tipi ta' lif, u tnedew negozjati dwar il-lif tal-ġenituri.

### 2.3. Thegħiġ tas-sehem indaq tan-nisa u l-irġiel u t-teħid ta' deċiżjoni

Is-sehem taċ-ċittadini kollha għall-proċess politiku u deċiżiv hu hteġa demokratika u ekonomika, kif ukoll kriterju prijoritarju tal-appartenenza għall-Unjoni. Involvement akbar tan-nisa fil-**proċessi demokratiċi** hu wieħed mill-prijoritajiet imsemmija fl-Ewropa għaċ-ċittadini<sup>32</sup>. Ittieħdu inizjattivi<sup>33</sup> biex isostnu d-dibattiti dwar il-kwistjonijiet Ewropej u s-sehem taż-żgħażaġ u tan-nisa sabiex jgħaddu l-aspirazzjonijiet tagħhom rigward l-Ewropa.

Fuq il-bażi tat-tagħrif l-aktar riċenti, ir-rapport dwar "in-nisa u l-irġiel fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-2007" wera li, għalkemm sar progress li ma jistax jiċċaħħad, in-nisa qatt ma huma rrappreżentati biżżejjed fl-isferi kollha ta' setgħa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kif ukoll fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-Kummissjoni sostniet l-azzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam: hi ġabret, analizzat u xerdet it-tagħrif li jista' jitqabbel u hegħet in-netwerks bejn il-partijiet interessati. B'dan il-għan, inhloq **network Ewropew għat-thegħiġ tan-nisa fil-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet** politiki u ekonomiċi. In-network għaqqad għall-ewwel darba r-rappreżentanti tan-netwerks Ewropej fil-qasam sabiex jaġixxu f'sinerġija.

Fis-settur pubbliku tar-**riċerka**, l-Unjoni ffixsat l-għan ta' 25 % tan-nisa fil-karigi b'responsabbiltajiet<sup>34</sup>. Dan l-għan twettaq permezz ta' sensiela ta' azzjonijiet. Il-programmi ta' **edukazzjoni u ta' taħriġ**<sup>35</sup> għandhom miżuri biex inaqqsu l-iżbilanċ fl-edukazzjoni u l-karrieri xjentifiċi u tekniċi. Is-7 programm-qafas għall-attivitajiet ta' riċerka<sup>36</sup> jintegra l-kunsiderazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. L-iżviluppi tal-karrieri tan-nisa ġew analizzati biex jippromwovu lin-nisa fl-istituzzjonijiet pubbliċi ta' riċerka, b'mod partikolari permezz tax-xogħlijiet ta' esperti fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tar-riċerka<sup>37</sup>.

Intweriet il-parti preponderanti tal-irġiel fost il-ħaddiema tas-settur tat-**teknoloġiji ġodda tal-komunikazzjoni (TĠK)**<sup>38</sup> u ġiet proposta strateġija sabiex thegħeġ lin-nisa jkollhom karrieri marbuta mat-TĠK. Il-Kummissjoni kooperat ukoll mal-parteċipanti nazzjonali fil-qafas ta' kampanja maħsuba biex thegħeġ lin-nisa żgħażaġh sabiex jagħżlu karrieri xjentifiċi jew ta' inġiniera.

<sup>29</sup> Id-Direttiva 86/613/KE

<sup>30</sup> Il-Kunsill 15/16 ta' Marzu 2007.

<sup>31</sup> COM(2008) 638 finali.

<sup>32</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE.

<sup>33</sup> COM(2005) 494 u COM(2008) 158.

<sup>34</sup> Il-Kunsill tat-18.4.2005.

<sup>35</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE.

<sup>36</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.

<sup>37</sup> Mapping the maze: getting more women to the top in research, 2008

<sup>38</sup> Women in ICT, status and the way ahead, 2008

## 2.4. Qerda tal-vjolenza mabuta mas-sess u l-ittraffikar tal-bnedmin

Il-Kummissjoni hi mħassba ħafna minħabba l-għadd ta' nisa vittmi ta' vjolenza domestika, tal-kobor tal-ittraffikar tal-bnedmin u tal-prostituzzjoni, u tal-persistenza ta' atti kriminali mwettqa taħt il-kopertura ta' tradizzjonijiet u tar-reliġjon.

L-azzjonijiet għall-**prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull tip ta' vjolenza**, kontra n-nisa b'mod partikolari, se jitwettqu permezz tal-programm Daphne III<sup>39</sup>, li jsostni l-isforzi tal-Istati Membri u tal-NGOs għall-vittmi u dawk li jwettqu l-atti ta' vjolenza. L-għadd kbir ta' atti ta' vjolenza fost iż-żgħażaġh wassal lill-Kummissjoni sabiex iżżomm il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa fost il-proġetti tal-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni<sup>40</sup>.

Il-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni għall-ġlieda kontra t-**traffikar tal-bnedmin** ihegġegħ l-użu tal-istrumenti kollha. Tfassal qafas komuni maħsub jiddefinixxi indikaturi u jiġbor tagħrif rigward l-ittraffikar tal-bnedmin<sup>41</sup> sabiex isir magħruf aktar il-kobor tiegħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjonijiet dwar l-identifikazzjoni u l-għajnuna għall-vittmi tal-ittraffikar u sostniet lill-parteċipanti ewlenin u azzjonijiet bħall-Jum kontra t-traffikar tal-bnedmin.

## 2.5. It-tneħħija tal-isterjotipi marbuta mas-sess

Il-pjan ta' strateġija, filwaqt li identifika l-ġlieda kontra l-isterjotipi bħala qasam prijoritarju, fakkar li l-**isterjotipi femminili u maskili** huma l-kawża ta' bosta inugwaljanzi. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni reġgħet tennet mill-ġdid li jehtiegħ li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tiġi integrata fil-politiki taż-żgħożija<sup>42</sup>. Il-programm ta' edukazzjoni skolastiku maħsub għall-kooperazzjoni bejn l-iskejjel daħħal it-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel fost l-għanijiet tiegħu.

L-isterjotipi sessisti jinfluwenzaw id-direzzjoni lejn **ċerti oqsma ta' edukazzjoni** u, bħalma saħqet il-Kummissjoni<sup>43</sup>, iwasslu sabiex l-akbar għadd ta' nisa jinsab fil-professjonijiet l-inqas imħallsa. L-għanijiet iffissati mill-Kunsill Ewropew huma maħsuba jżidu b'15 % l-għadd ta' diplomi fil-matematika, xjenza u teknoloġija billi jnaqqsu fl-istess ħin l-iżbilanċ bejn in-nisa u l-irġiel<sup>44</sup>. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u jitnaqqsu l-isterjotipi b'mod ġenerali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ġiet integrata bħala prijorità speċifika fil-programmi Komunitarji rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ<sup>45</sup>.

Il-perċezzjonijiet influwenzati mill-isterjotipi dwar il-ħila tan-nisa biex iwettqu ċerti karigi fi ħdan l-impriżi, wasslu lill-Kummissjoni biex tniedi azzjonijiet ta' tqajjim tal-kuxjenza mal-impriżi.

<sup>39</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1720/2007/KE.

<sup>40</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE.

<sup>41</sup> COM(2006) 437 finali.

<sup>42</sup> Investiment fiż-żgħożija: strateġija ta' responsabilizzazzjoni, 2007.

<sup>43</sup> COM(2007) 498 finali.

<sup>44</sup> Il-Kunsill 5/9 ta' Mejju 2003.

<sup>45</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE.

## 2.6. Thegħiġ tal-ugwaljanza bejn is-sessi barra l-UE

Il-pjan ta' strateġija tenna mill-ġdid l-impenn tal-Kummissjoni rigward il-prinċipji ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel magħrufa internazzjonalment fid-**Dikjarazzjoni għall-Iżvilupp tal-Millennju u l-Pjattaforma ta' Beijing għall-Azzjoni**.

B'mod partikolari, l-istrateġija tal-Unjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-**politika għall-iżvilupp**<sup>46</sup>, li se tiġi segwita minn pjan ta' azzjoni, saħħet il-kunsiderazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni tal-UE. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza fl-istrateġiji skont il-pajjiż imfassla fil-qafas tal-**10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp**<sup>47</sup> ġiet sostnuta mit-tfassil ta' linji gwida għall-programmazzjoni u mis-segwitu tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza fil-pjanijiet nazzjonali.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issaħħet ukoll fil-qafas tas-**sħubija ewro-mediterranja u l-Qafas ta' azzjoni ta' Istanbul** wassal għal sensiela ta' impenji u għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi favur id-drittijiet tan-nisa u s-sehem sħiħ tagħhom fl-oqsma ċivili, politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali.

L-**istrument Ewropew il-ġdid għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem**<sup>48</sup> jipprevedi li jsostni l-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa f'bosta oqsma, b'mod partikolari s-sehem tan-nisa għall-politika, il-ġlieda kontra l-vjolenza d-dar u l-mutilazzjonijiet ġenitali.

L-**"Inizjattivi għat-twaqqif tal-paċi"** u s-Sħubija KE/NU għall-iżvilupp u l-paċi ppermettew li jiġu sostnuti bosta azzjonijiet rigward il-qagħda u r-rwol tan-nisa fil-kunflitti armati u wara l-kunflitt u l-applikazzjoni tar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill ta' sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. B'mod partikolari, l-organizzazzjoni mill-Kummissjoni tal-konferenza internazzjonali "In-nisa fl-istabbilizzazzjoni ta' dinja inċerta" ikkonkretizzat l-appoġġ politiku f'dawn l-oqsma.

Pilastru tal-programm tematiku **"Investiment fir-riżorsi umani"**<sup>49</sup> hu kkonsagrat għall-ugwaljanza biex jitmexxu, pereżempju, proġetti rigward is-sehem tan-nisa għat-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Programmi ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi sostnew ukoll ir-rwol tan-nisa fis-soċjetà jew proġetti ta' mobbiltà taż-żgħażaġ<sup>50</sup>.

L-UE tenniet il-prinċipji rigward l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-kunsens Ewropew dwar l-**għajnuna umanitarja**<sup>51</sup> u impenjat ruħha, fil-pjan ta' azzjoni tagħha<sup>52</sup>, sabiex tippromwovi s-sehem tan-nisa u l-ħarsien kontra l-vjolenza sesswali u sessista fl-għajnuna urġenti.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-**politika kummerċjali** tal-UE tagħmel parti minn qafas akbar tal-iżvilupp sostenibbli u thegħgeġ l-applikazzjoni tan-normi fundamentali tax-xogħol

<sup>46</sup> COM(2007) 100 finali.

<sup>47</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006

<sup>48</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006

<sup>49</sup> COM(2006) 18 finali.

<sup>50</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE.

<sup>51</sup> ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1

<sup>52</sup> SEC(2008) 1991.

fin-negożjati kummerċjali u l-kooperazzjoni mal-ILO dwar id-dimensjoni tax-xogħol diċenti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

Il-**politika ta' tkabbir** wasslet lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali sabiex jarmonizzaw ruħhom mal-acquis Komunitarju u n-normi Ewropej rigward l-ugwaljanza u biex joħolqu strutturi istituzzjonali u amministrattivi xierqa.

### 3. TITJIB TAL-GOVERNANZA

L-għanijiet tal-ugwaljanza ma jistgħux jitwettqu mingħajr **impenn mill-partijiet interessati kollha**. Il-Kummissjoni kollaborat mal-Istati Membri fil-qafas tal-grupp ta' livell għoli ta' rappreżentanti għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza, fil-kuntest tax-xogħlijiet tal-Kunsill (b'mod partikolari tat-"Triji" tal-presidenzi), għall-organizzazzjoni tal-konferenza tal-presidenzi u fi ħdan il-Kumitat konsultattiv. L-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew irrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' azzjoni tagħhom għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa<sup>53</sup>. L-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili ġew iffinanzjati sabiex iżommu djalogu u jsostnu l-azzjoni ta' promozzjoni tagħhom tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Twettqu bosta attivitajiet sabiex isaħħu l-istrumenti favur l-ugwaljanza. Għe stabbilit netwerk Komunitarju ta' entitajiet responsabbli mill-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel<sup>54</sup> sabiex jiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-liġi Ewropea f'dan il-qasam. Kull sena, esperti ġuridiċi analizzaw il-progress fuq livell tal-liġi Komunitarja u l-effiċjenza tal-**leġiżlazzjoni** b'mod partikolari fil-qasam tat-trattament ugwali<sup>55</sup>. Barra minn hekk, jingħataw tagħrif u pariri dwar id-drittijiet rigward l-ugwaljanza liċ-ċittadini.

Il-Kummissjoni għamlet progress biex tintegra aħjar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki u l-programmi kollha tal-Unjoni b'kunsiderazzjoni **għall-impatt dwar in-nisa u l-irġiel** u billi tesplora l-possibbiltajiet li tintegra l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-**proċess baġitarju**.

Il-Kummissjoni assigurat ukoll il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha stess fil-qafas tar-4 programm ta' azzjoni favur l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel<sup>56</sup>.

B'mod ġenerali, ix-xogħlijiet fuq l-**indikaturi** ssodisfaw l-impenji internazzjonali tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni kkooperat ma' dawn tal-aħħar biex tiżviluppa indikaturi li għandhom x'jaqsmu mal-qafas tal-Pjattaforma ta' Beijing għall-Azzjoni.

Sabiex tiżdied id-disponibbiltà tat-tagħrif armonizzat fuq livell Ewropew u jikkomplementaw l-indikaturi eżistenti<sup>57</sup>, saru xogħlijiet b'mod partikolari fuq l-użu tal-kalendarju, id-diskrepanza fil-pagi u fuq it-tfassil ta' indiċi Ewropew għall-ugwaljanza.

---

<sup>53</sup> Framework of actions on gender equality second follow-up report 2007

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2002/73/KE

<sup>55</sup> Id-Direttiva 2004/113/KE

<sup>56</sup> SEC(2007) 1506/2

<sup>57</sup> COM(2006) 92.

Bosta azzjonijiet tal-pjan ta' strateġija ġew iffinanzjati mill-programm **PROGRESS**<sup>58</sup>, b'mod partikolari l-azzjonijiet ta' koordinazzjoni u ta' implimentazzjoni trasversali tal-għanijiet ta' ugwালjanza, kif ukoll għat-tisħiħ tal-komunikazzjoni dwar il-politika ta' ugwালjanza.

Fl-aħħar, attwalment twaqqaf **Istitut Ewropew għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**<sup>59</sup>.

#### 4. KONKLUŻJONIJIET

Il-pjan ta' strateġija jikkostitwixxi qafas politiku ambizzjuż għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni. Hu ppermetta wkoll li jiżgura l-koerenza u l-viżibbiltà tal-azzjonijiet immexxija mill-Kummissjoni u serva wkoll ta' referenza għall-Istati Membri li mexxew xogħliethom stess frigward tal-għanijiet komuni ddefiniti fil-pjan ta' strateġija, fil-Patt għall-ugwaljanza u fl-impenji internazzjonali tal-pjattaforma ta' Peking.

Twettagħ progress importanti u l-għanijiet ta' ugwালjanza ġew ikkunsidrati b'mod ħafna aktar konkret fil-politiki kollha rreġistrati fil-pjan ta' strateġija. L-iżviluppi l-aktar sinifikattivi jidhru marbuta mal-impenji tal-politiki tal-Unjoni filwaqt li l-għanijiet komuni kwantifikati jiggwidaw l-azzjoni Komunitarja.

Is-segwitu tal-pjan ta' strateġija wera li kważi l-azzjonijiet kollha miktuba fil-pjan ta' strateġija avvanzaw. Madankollu, il-progress mhux l-istess u jitfa' dawl fuq il-bżonn li jiġi ssoktat sal-2010. L-akbar diffikultà tal-implimentazzjoni tal-politika ta' ugwালjanza hi li tfiehem sew l-isfidi li toħloq. It-tqajjim tal-għarfien u s-sħubija għall-isfidi soċjali u ekonomiċi tal-għanijiet ta' ugwালjanza għandhom jissaħħu u dan jeħtieġ rieda politika qawwija.

Jeħtieġ, pereżempju, li jiġu sostnuti l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u b'mod partikolari l-politika ta' konċiljazzjoni fiċ-ċiklu 2008-2010 tal-istrateġija ta' Liżbona u l-MMK fil-qasam tal-ħarsien soċjali u tal-inklużjoni soċjali, u li jiġi vvalutat jekk l-impenji favur l-ugwaljanza fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni, tal-edukazzjoni u tar-riċerka humiex imħarsa. Għandu jiġi segwit progress importanti rigward l-ugwaljanza fil-politiki esterni. Is-sehem bilanċjat tan-nisa fl-entitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi kif ukoll politiċi, għandu jithegħeġ fuq livell tal-Unjoni u fl-istrutturi mmexxija mill-Kummissjoni. Il-ħarsien kontra l-isterjotipi sessisti għandu jitjieb, b'mod partikolari permezz tad-djalogu mal-mezzi tax-xandir u maċ-ċittadini. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel għandu jibda jaħdem mill-aktar fis possibbli. Fl-aħħar, l-isforzi komplementari rigward il-komunikazzjoni għandhom jispjegaw aħjar l-isfidi tal-politika tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Qabel l-elezzjonijiet fil-Parlament Ewropew f'Ġunju 2009, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni se jimmiraw b'mod partikolari lin-nisa.

Il-Kummissjoni xtaqet tagħti ħajja ġdida lid-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea b'Aġenda Soċjali mġedda<sup>60</sup>, li l-politika ta' ugwালjanza tagħha bejn in-nisa u l-irġiel tagħmel parti integrali minnha. L-Aġenda soċjali mġedda tipprevedi b'mod partikolari li l-Kummissjoni ssaħħa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki u l-attivitajiet tagħha.

<sup>58</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE.

<sup>59</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006

<sup>60</sup> COM(2008) 412 finali.

Il-politiki dejjem għandhom impatt fuq in-nisa u l-irġiel meta jikkonċernaw iċ-ċittadin, l-ekonomija u s-soċjetà. Madankollu, dawn l-impatti ta' spiss mhumiex biżżejjed ikkunsidrati f'ċerti oqsma koperti mill-politiki Komunitarji. Huwa fl-oqsma fejn, tradizzjonalment, tingħata inqas attenzjoni lill-kwistjonijiet tal-ugwaljanza li wieħed għandu jkun b'mod partikolari viġilanti u jqajjem il-kuxjenza tal-partijiet interessati. Id-deċiżjonijiet politiċi u baġitarji għandhom iqisu l-bżonnijiet tal-irġiel u tan-nisa b'kunsiderazzjoni aktar sistematika tal-effetti tagħhom fuq l-individwi kollha.

Fl-2010, il-Kummissjoni se tivvaluta r-risultati miksuba u se tħejji strateġija ta' segwitu tal-pjan ta' strateġija. Se tiġi organizzata konferenza fil-ħarifa tal-2009 biex tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' strateġija, timmobbilizza l-politiki u tqajjem il-kuxjenza tal-parteċipanti għall-isfidi tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.